**11 ta' Novembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D. - Aġent President**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**
**Onor. Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Michael Mifsud

*versus*

John Farrugia

**Kolliżjoni - Danni - Inċident Stradali**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn ċaħdet it-talbiet attriċi. Meritu prettament fattwali.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-5 ta' Ottubru, 1993 li taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fl-14 ta' Ġunju, 1989, li bih l-attur - premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opprotuni;

Premess illi fit-28 ta' April, 1989, waqt li l-attur kien qed isuq il-karozza Fiat nru. J-8466 f'San Pawl il-Baħar, din sfat involuta f'inċident awtomobilistiku mal-van Transit numru N-8688 misjuqa mill-konvenut;

Premess illi l-attur sofra danni li jikkonsistu fi ħsara fil-karozza u kiri ta' karozza;

Premess illi l-inċident ġara unikament minħabba l-imperizja, negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut, iżda mitlub biex jagħmel tajjeb għad-danni, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab li din il-Qorti:

Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-inċident imsemmi u għad-danni konsegwenzjali;

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur occorrendo bl-opra ta' periti *nominandi*;

Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-attur l-ammont hekk iddikjarat bħala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fis-6 ta' Lulju, 1989, li biha eċċepixxa:

Illi għalkemm huwa veru illi l-attur kien isuq il-Fiat numru J-4866, fit-Telgħa tax-Xemxija, San Pawl il-Baħar, fid-data indikata fl-att taċ-ċitazzjoni, u illi huwa kien isuq van numru N-8688 fid-direzzjoni opposta, però, mhux veru illi huwa kien isuq fuq in-naħa ħażina tat-triq;

Illi l-inċident ġara minħabba fil-fatt illi l-attur ħareġ fit-triq ta' l-eċċipjent minn wara ostakolu fit-triq ta' l-attur, mingħajr ma qagħad jara min kien ġej mid-direzzjoni opposta u għalhekk huwa l-attur li huwa responsabbli għall-kolliżjoni;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Novembru, 1989, li bih innominat lill-AIC Dottor Tonio Farrugia bħal perit legali bl-inkarigu li jirrelata dwar it-talbiet attriċi wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 1992, li bih, fin-nuqqas ta' progress sodisfaċenti, irrevokat l-inkarigu tal-perit legali u rrikjamat il-kawża biex tinstema' quddiemha;

Rat il-verbal tas-17 ta' Ġunju, 1993, li biha l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Il-meritu tal-kawża hu inċident stradali li ġara fit-Telgħa tax-Xemxija limiti ta' San Pawl il-Baħar, proprju fl-inħawi ta' Mistra Village. L-attur kien qed isuq karozza nieżel fid-direzzjoni tal-Mistra, waqt li l-konvenut kien qed isuq van tiela' lejn San Pawl il-Baħar;

Il-ħabta ġrat waqt li ż-żewġ *drivers* kienu qed jippruvaw jevitaw lil xulxin, tant li l-ħsarat fuq il-vettura ta' l-attur kienu fuq il-faċċata tan-naħa ta' quddiem tal-lemin, waqt li dawk fuq il-vettura tal-konvenut kienu fuq in-naħa tal-fanal tal-lemin fuq wara. Hu ċar li l-kawża prossima ta' l-inċident trid tirriżulta prinċipalment minn riċerka ta' min miż-żewġ *drivers* oltrepassa l-linja medjana tat-triq u invada dik il-parti tal-karreġġjata proprjament riservata fuq kollox għat-traffiku ġej mid-direzzjoni opposta. Għal din ir-riċerka hu essenzjali l-iskizz ippreparat mis-Surġent tal-Pulzija li nvestiga l-inċident, kif ukoll, u forsi aktar, il-verbal ta' l-aċċess magħmul mill-perit legali u l-iskizz minnu ppreparat. F'dan il-verbal hemm reġistrat informazzjoni rilevanti għad-determinazzjoni tar-responsabbilità li fuq partijiet minnha hemm qbil ukoll bejn il-kontendenti:

Minn eżami ta' l-atti proċesswali, l-Qorti waslet għall-konvinċiment illi l-attur għandu jiġi ritenut responsabbli għall-inċident. Dan għal dawn ir-raġunijiet:

Hemm qbil bejn il-partijiet - u dan jirriżulta ukoll fl-iskizz tas-Surġent - li f'dik il-parti tal-karreġġjata mnejn kellu jgħaddi l-attur, fuq ix-xellug int u nieżel lejn il-Mistra, kien hemm tank tal-45 gallun 'il barra sewwa mill-ġenb tax-xellug. Tant li bejn it-tank u l-bankina kien hemm spazju rilevanti sal-punt li ġie reġistrat fil-verbal tal-perit legali: "l-attur allega li wara l-ħabta bejn dan it-tank u l-eqreb bankina 'l isfel (fl-istess direzzjoni fejn ried imur hu) għaddew karozzi żgħar";

Dan it-tank kbir kien jindika li kien hemm xi xogħol ta' kostruzzjoni li kien qed isir fit-triq u infatti ftit aktar 'il fuq kien hemm *crane*. Kellu allura jiġbed lejn il-lemin tiegħu. Hu rilevanti illi dawn <u>l-ostakoli fit-trajettorja tas-sewqan ta' l-attur</u> kienu proprju fl-ogħla punt tat-Telgħa tax-Xemxija fejn it-triq għandha kurva lejn ix-xellug għal min ikun nieżel lejn il-Mistra. Il-viżwali f'dan il-punt allura tirriżulta sostanzjalment ridotta;

*Jidher mill-iskizz tal-pulizija u minn dak li kkonstata l-perit legali illi kien l-attur li spiċċa għal kollox jew fil-parti l-kbira wrong side fil-mument ta' l-inċident waqt li l-van tal-konvenut kien sewwa fuq is-side* tiegħu. Jirriżulta ukoll illi l-attur neċessarjament kellu jinvadi parti mill-karreġġjata għat-traffiku ġej mid-direzzjoni opposta biex jevita t-tank li sab quddiemu. Almenu ma jidhirx li hemm prova konklussiva li seta' jgħaddi bejn it-tank u n-naħa estrema tax-xellug tat-triq;

Rinfaċċjat b'sitwazzjoni fejn bilfors kellu jmur in parti *wrong side*, f'punt tat-triq fejn il-viżwali tat-traffiku ġej mid-direzzjoni opposta kienet ferm ridotta, l-attur kellu l-obbligu li jipproċedi b'attenzjoni kbira u żgur ma kellux jipproċedi jekk ma jkunx ċert minn qabel li seta' jiġi fuq is-*side* tiegħu <u>qabel</u> ma jilħaq it-traffiku li bħall-konvenut ikun tiela' mill-Mistra. Il-Qorti hi sodisfatta li din il-prudenza u prekawzjoni l-attur ma ħadhiex;

Mill-banda l-oħra ma hemm l-ebda indizzju ta' prova li l-konvenut kien tiela' *wrong side* jew b'xi *speed* eċċessiv għal-lokalità. L-entità tal-ħsarat reklamati mill-attur huma pjuttost moderati u din iċ-ċirkostanza, kif ukoll il-fatt li ma' l-impatt l-attur waqaf - hu jsostni li waqaf qabel - u l-konvenut ittraversa biss ftit metri għan-niżla, huma indikattivi li l-veloċità tal-*konvenut kienet waħda moderata u kontrollata. L-ebda* kontributorjetà għas-sinistru ma tista' allura tiġi addebitata lill-konvenut;

Jingħad finalment illi l-kawża tiġi riżolta fuq ir-risposta għall-uniku kweżit propost mill-kontendenti fid-dikjarazzjoni ġuramentata tagħhom. L-attur jiddikjara li l-van tal-konvenut "kien ġej mid-direzzjoni opposta iżda fuq in-naħa l-ħażina tat-triq". Il-konvenut jiddikjara illi l-inċident ġara "minħabba l-fatt li l-attur ħareġ fit-triq ta' l-eċċipjent wara ostakolu fit-triq". Il-provi juru li l-versjoni tal-konvenut hija dik attendibbli u kredibbli;

Għal dawn il-mtoivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet ta' l-attur;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur";

Minn dik is-sentenza appella l-attur Michael Mifsud li qed jitlob li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement, *filwat li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut*, tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

Fl-ewwel lok, l-appellant jikkritika s-sentenza appellata in kwantu din ikkonkludiet illi mill-iskizz tal-pulizija jidher li l-attur kien spiċċa *wrong side fil-mument ta' l-inċident, waqt li l-*van tal-konvenut kien sewwa fuq is-*side* tiegħu. L-appellant

jissottometti illi l-iskizz juri fejn fit-triq kien hemm l-*ispot of impact*, ċjoè, fuq in-naħa tat-triq li kienet tispetta lill-attur. Dan jirriżulta mhux minn eżami ta' x'seta' ġara, iżda bl-aktar mod ċar mill-istess skizz. Infatti, l-*ispot of impact* kif muri fl-iskizz huwa posizzjonat tali illi jġib il-karozza ta' l-attur kompletament fuq in-naħa tiegħu tat-triq xi nofs metru l-bogħod mil-linja medjana. Fil-fatt, jekk wieħed jieħu dan l-iskizz bħala wieħed *to scale*, il-linja medjana tat-triq f'dik il-parti tat-triq in kwistjoni hija ta' 5.75 metri li jħallu lill-appellant tul ta' nofs metru;

L-appellant jirrileva ukoll bħala punt ta' ċerta mportanza l-metodoloġija li tintuża mill-pulizija sabiex tindika l-ħekk imsejjaħ *spot of impact*. Effettivament, il-pulizija li jkun qed jinvestiga l-każ jara fejn fit-triq ikun hemm it-tajn u l-frak li jindikawlu fejn seta' ġara l-inċident. Il-fatt biss li hemm imniżżel fuq l-iskizz *spot of impact* illi għall-pulizija l-*ispot of impact* ifisser li dan ġie indikat f'dik il-parti tal-karreġġjata li kienet tispetta lill-attur u din hija prova inekwivoka;

Inoltre, l-appellant jissottometti ukoll, bħala rilevanti ħafna, il-posizzjoni tal-ħsara fil-vetturi. Il-vettura tiegħu kellha ħsara fil-parti ta' quddiem tagħha mal-ġenb lemini waqt li dik tal-konvenut kellha ħsara fil-ġenb lemini tagħha ukoll iżda fuq wara. Dawn relatati ma' l-*ispot of impact* juru biċ-ċar li l-konvenut kien kompletament *wrong side* fil-mument ta' l-impatt bejn iż-żewġ karozzi u din tista' tkun l-unika konklużjoni sostenibbli fid-dawl ta' danni u *spot of impact*. Dawn id-danni juru li t-trajettorja tal-konvenut kienet waħda ta' kurva li bilfors bdiet fuq in-naħa ħażina għalih tat-triq. Trajettorja oħra kienet twassal f'danni posizzjonati kompletament differenti. Skond l-appellant dan il-punt ma ġiex irrilevat mill-Ewwel Onorabbli Qorti;

L-appellant *jissottometti punt iehor, fis-sens* illi, *skond hu,* l-Ewwel Qorti jidher illi għamlet xi konstatazzjonijiet ħżiena. Infatti, skond hu, l-konklużjoni tagħha kienet li ma kien hemm *ebda prova li l-konvenut kien għaddej bi speed u dana għaliex* "il-konvenut ittraversa biss ftit metri għan-niżla". L-appellant jissottometti li l-konvenut kien qed isuq għat-telgħa u mhux għan-niżla u l-fatt li ttraversa tul tal-vettura tiegħu xi seba' *darbiet juru pjuttost li l-konvenut kien għaddej* bi *speed* mhux ħażin. Per di più, hu evidenti minn dan il-fattur, li l-Qorti qalbet in-numri tal-vetturi;

Minn dan għandu jirriżulta, fil-fehma ta' l-appellant, li kien il-konvenut li kien qed isuq manifestament *wrong side* u li għalhekk kien hu li kien unikament responsabbli għall-inċident *meritu ta' din il-kawża;*

Din il-Qorti tibda biex tgħid illi ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-Ewwel Qorti żbaljat il-vetturi fis-sens illi meta kienet qed tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha minn fuq l-iskizz, spostathom f'sens invers. Infatti, mill-assjem tas-sentenza, u partikolarment minn ċerti partijiet minnha, jidher ċar illi l-Ewwel Qorti kellha viżjoni ċara ta' f'liema direzzjoni kien sejjer l-attur u mil-liema direzzjoni kien ġej il-konvenut. Il-fatt illi f'ċertu punt mis-sentenza jingħad illi l-konvenut kien ittraversa f'dik it-triq għan-niżla mhux daqstant importanti fil-fehma ta' din il-Qorti, il-għaliex f'dik il-parti partikolari tispiċċa t-telgħa, it-triq issir għal pjan, u tibda n-niżla. Dan ifisser illi ma hemmx indikazzjoni biżżejjed biex din il-Qorti taħseb li l-Ewwel Qorti kienet qed tara l-konfigurazzjoni tal-lokal u tal-vetturi b'mod żbaljat u addirittura invers;

Lanqas ma taqbel din il-Qorti mas-sottomissjoni ta' l-appellant illi, wara l-ħabta, l-konvenut ittraversa xi distanza

partikolari. Qegħdin nitkellmu biss, jekk wieħed jieħu l-iskizz tal-pulizija bħala *to scale*, fuq distanza ta' ċirka tmintax-il metru *li ċertament ma tindikax xi speed* qawwi *kif donnu qed* jippretendi l-appellant;

Din il-Qorti tara li hu mportanti li hemm żewġ fatturi *fondamentali li jimmeritaw li jiġu senjalati mill-ewwel. L*-ewwel element huwa l-posizzjoni tat-tank illi *ex admissis* l-attur evita u per konsegwenza ġabu fil-posizzjoni illi isuq aktar il-barra minnu. Il-wisgħa tat-triq fejn kien jinsab dan it-tank hija approssimattivament ta' ħdax-il metru. Jirriżulta illi t-tank kien il-barra xi tliet metri u nofs. *Ex admissis* l-appellant skorrih, ċjoè, għadda l-barra minnu, b'mod li fil-fehma tiegħu mhux għadda inkaxxat miegħu iżda għadda f'ċertu distanza, għalkemm hu jaħseb li kien hemm ċertu spazju biżżejjed fuq in-naħa *l-oħra tat-triq li setgħet tgħaddi vettura mingħajr diffikultà.* Jekk wieħed jgħodd id-distanza ta' kemm kien il-barra dak it-tank flimkien mal-wisgħa tal-vettura ta' l-attur kif ukoll il-wisgħa jew spazju li neċessarjament tħalla bejn il-vettura tiegħu u t-tank, dan iwassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni immedjata illi, bilfors, l-attur ġie illi oltrepassa l-linja medjana tat-triq. It-tieni konsiderazzjoni hija illi bejn it-tank u fejn ġrat il-ħabta l-karozza ta' l-attur laħqet ittraversat biss tmien metri ċirka. Distanza tant qasira illi jekk kien qed isuq bi *speed* ta' 10 *kilometri fis-siegħa kien jittraversa f'inqas minn tliet sekondi* mentri jekk kien qed isuq bi *speed* iktar neċessarjament timporta sempliċement attimi. Ma' dan jiżdied ukoll, illi jekk għandu jittieħed l-iskizz tal-pulizija, bħala l-fonti prinċipali tad-dinamika ta' l-inċident, jidher minnu illi l-vettura ta' l-appellant tinsab angolata fis-sens illi dan huwa indikattiv illi rrikorra għall-manuvra evasiva fl-istess ħin pressappoco illi bilfors oltrepassa l-linja medjana tat-triq biex jiskapola l-ostakolu tat-tank;

Il-fatt għalhekk illi skond l-iskizz il-vettura tiegħu spiċċat

kompletament fuq is-*side* proprju tiegħu tat-triq m'għandux dik l-importanza li hu qiegħed jattribwilu, fis-sens illi jidher ċar illi hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq attimi ta' sekondi probabbilment inqas minn tliet sekondi li fih immatura l-inċident. Ma hemm xejn x'jindika illi l-konvenut kien invada minn qabel il-karreġġjata opposta, ċjoè, dik ta' l-attur appellant, ħlief forsi fl-aħħar mument biex tiġi evitata l-kolliżjoni u bħala manuvra evasiva;

Fl-assjem tal-provi, però, din il-Qorti hi sodisfatta illi l-inċident sar minħabba illi l-attur fil-manuvra tiegħu biex jiskapula t-tank ħareġ il-barra wisq b'mod li kkreja emerġenza għal min kien ġej minn faċċata fejn l-ispazju anke kif ġie rrilevat mill-perit tekniku fl-iskizz preparat minnu, kien pjuttost limitat;

L-aħħar punt senjalat mill-appellant rigwardanti l-posizzjoni tal-ħsarat fil-vetturi rispettivi tal-partijiet, din il-Qorti ma tikkunsidrahx tali li jimmerita l-importanza li qed jattribwilu l-appellant. Dana stante l-konfigurazzjoni tat-triq fejn saret il-ħabta, li kienet tippreżenta kurva bir-riżultat li din il-Qorti ma tarax illi l-konfigurazzjonijiet tal-ħsarat fiż-żewġ vetturi huma neċessarjament indikattivi illi l-konvenut kien kompletament *wrong side* fil-mument ta' l-impatt. Infatti fil-fehma tagħha bil-ħsara fuq il-lemin taż-żewġ vetturi li kienu wara kollox ġejjin minn direzzjonijiet opposti, huwa konfaċenti ħafna ma' l-iskizz tal-pulizija kif jirriżulta;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi respint, is-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata bl-ispejjeż ta' din l-istanza a kariku ta' l-appellant.